



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

---

**2010/2206(INI)**

10.3.2011

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja - qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew  
(2010/2206(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Salvatore Caronna

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-Artikolu 195 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti lill-UE setgħat ġodda fir-rigward tat-turiżmu, b' mod partikolari bil-għan li titwettaq l-azzjoni meħuda mill-Istati Membri rigward il-prinċipju tas-sussidjarjetà, bil-għan li jissaħħu l-kompetittività u l-potenzjal ta' dak is-settur għal tkabbir dinamiku u sostenibbli; jenfasizza l-importanza li s-settur tat-turiżmu jiżviluppa sabiex tissaħħaħ id-dimensjoni reġjonali fi ħdan l-UE u jkun ikkonsolidat sens ta' ċittadinanza Ewropea;
2. Ifakkar li r-Regolament (KE) Nru. 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jinkludi fost il-prijoritajiet tiegħu, il-protezzjoni u t-tisħiħ tal-wirt naturali u kulturali peress li dan għandu potenzjal ta' żvilupp għal turiżmu sostenibbli b'prospettiva ta' valur miżjud, billi tiġi enfasizzata l-importanza ta' approċċ integrat u koerenti, biex b'hekk jiġi promoss it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda u billi tiġi megħjuna l-promozzjoni tal-Ewropa bħala d-destinazzjoni favorita għall-viżitaturi kemm ġewwa u barra mill-UE, b'enfasi fuq ir-rikkezza kulturali straordinarja tagħha kif muri mis-Siti ta' Wirt Dinji tal-UNESCO, u s-sbuħija naturali inkredibbli li tinstab fis-siti Natura 2000 madwar l-UE; jappella f'dan il-kuntest għal impenn ċar biex tizzied il-promozzjoni tat-turiżmu permezz tal-politika ta' koeżjoni fil-perjodu ta' programmar li jmiss;
3. Jenfasizza li t-turiżmu għandu impatt tanġibbli fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Istati Membri kollha; jenfasizza wkoll li t-turiżmu jirrappreżenta, jew jista' jirrappreżenta, ir-riżorsa ewlienija għal xi reġjuni tal-UE – pereżempju l-gżejjer, ir-reġjuni muntanjużi, il-bliet tal-fruntiera mbiegħda, reġjuni b' densità baxxa ta' popolazzjoni, żoni rurali u l-ibgħad reġjuni - li kienu waqgħu lura ekonomikament, u li dan għandu impatt dirett fuq it-tkabbir f'setturi oħrajn, u fl-istess ħin jenfasizza l-importanza li t-turiżmu ma jkunx separat mill-politika ta' koeżjoni; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li t-turiżmu jista' joffri opportunità ta' rkupru ekonomiku, speċjalment f'dawk ir-reġjuni li huma milquta minn tnaqqis demografiku jew minn depopolazzjoni, u għandha titqies l-aċċessibilità tagħhom, primarjament permezz tal-estensjoni lejn dawn ir-reġjuni tal-oġġettivi tan-netwerk għat-trasport trans-Ewropew;
4. Jišhaq fuq il-ħtieġa għal politika ta' kompetizzjoni attiva li tissorvelja kwalunkwe xejra lejn il-konċentrazzjoni tas-settur jew l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti;
5. Ifakkar li l-wirt kulturali tal-Ewropa u d-diversità reġjonali u lingwistika jirrappreżentaw vantaġġ komparattiv sinifikanti fis-suq tat-turiżmu globali. Jitlob biex dawn l-elementi jingħataw l-attenzjoni li tistħoqqilhom fl-analiżi ekonomika tas-settur tat-turiżmu, speċjalment fil-kuntest tal-allokazzjoni tar-riżorsi għaż-żamma u t-titjib tad-destinazzjonijiet ta' sinifikat kulturali;
6. Jenfasizza li s-sostenibilità soċjali, ekonomika u ambjentali hi prerekwiżit għall-iżvilupp u ż-żamma ta' kull attività turistika; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, sabiex wara t-tnedija ta'

konsultazzjoni pubblika u valutazzjoni tal-impatt, u b'kunsiderazzjoni tal-aħjar prattiki minn Stati Membri, tiżviluppa, jekk meħtiegħ, “tikketta Ewropea” bil-għan li tiddistingwi prodotti u servizzi ta' kwalità u biex fl-istess ħin issaħħaħ id-dehra tal-Ewropa fid-dinja, waqt li tikkoordina din l-inizjattiva mat-‘Tikketta tal-Wirt Ewropew’ u mas-siti tal-UNESCO;

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-inklużjoni tat-tradizzjonijiet popolari fuq il-Lista tal-Patrimonju Dinji fi ħdan l-Istati Membri, inklużi t-tradizzjonijiet kulinarji, bil-għan li dawn jiġu ppreservati għall-ġenerazzjonijiet futuri u li tiġi stabbilita strateġija Ewropea għall-promozzjoni tat-tradizzjonijiet popolari fil-livell Ewropew u f'dak internazzjonali;
8. Itenni li l-iżvilupp ta' forom tat-turiżmu sostenibbli u soċjalment responsabbli, jipprovdi sors dejjiemi ta' dħul u mezz għall-promozzjoni ta' okkupazzjoni stabbli għall-ekonomiji lokali, li jippermetti fl-istess ħin is-salvagwardja u t-tisħiħ tal-pajsaġġ u tal-wirt ambjentali, kulturali, artiġġjanali, storiku u soċjali tar-reġjuni kollha filwaqt li jikkunsidra b'mod partikolari l-opportunitajiet provduti min-Natura 2000; jappoġġja għalhekk l-isfruttament ta' sinerġiji bejn il-promozzjoni tat-turiżmu u tal-partikolaritajiet reġjonali, li jistgħu jikkontribwixxu biex jagħtu l-ħajja mill-ġdid lill-ekonomiji lokali u reġjonali; jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni għall-ippjanar ta' turiżmu kostali u marittimu sostenibbli, u jittama li jitwettqu wkoll strateġiji speċifiċi fir-rigward tal-gżejjer, ir-reġjuni muntanjużi u ta' żoni sensitivi oħrajn;
9. Iqis li l-iżvilupp sostenibbli tat-turiżmu għandu jkun organizzat b'tali mod li l-ġidnaturali, kulturali u ta' patrimonju jkunu apprezzati ndaq fil-preżent u wkoll ippreservati għall-ġenerazzjonijiet futuri;
10. Jenfasizza r-rwol ewlieni li l-FEŻR u l-FAEŻR jistgħu jwettqu fl-iżvilupp tal-potenzjal tat-turiżmu tal-ambjent rurali u fid-diversifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu;
11. Jenfasizza r-rwol tal-isports fil-promozzjoni tat-turiżmu u jilqa' inizjattivi bħall-proġett "Sports tal-baħar fiż-Żona Atlantika"; ifakkar li l-isports huwa rikreazzjoni kulturali u bbażat fuq l-attività, li jista' jiġbed it-turisti lejn ir-reġjuni periferiċi Ewropej;
12. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tiġbor flimkien l-azzjonijiet dwar it-turiżmu madwar erba' prijoritajiet: iqis madankollu, li l-iżvilupp ta' qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew jeħtiegħ approċċ integrat marbut mill-qrib man-natura speċifika ta' kull reġjun u koordinament effikaċi tal-politiki Komunitarji, nazzjonali, reġjonali u lokali li jippermetti l-użu favorevoli ta' sinerġiji maħluqa fost oqsma ta' attività differenti li jħallu impatt dirett jew indirett fuq it-turiżmu, b'rispett tal-prinċipju ta' solidarjetà; ihegġegħ lill-Istati Membri biex jinkludu lill-awtoritajiet relevanti reġjonali u lokali sa mill-istadji l-aktar bikrin tan-negożjati;
13. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jhegħgu u jappoġġjaw l-iżvilupp ta' netwerks turistiċi integrati u proġetti li jħaddnu l-aspetti kollha infrastrutturali sabiex jiġi evitat żvilupp mhux koordinat u jkun inkoraġġit il-ħolqien ta' partenarjati għall-iskambju ta' prattiki tajba; jitlob parteċipazzjoni attiva mill-korpi reġjonali u lokali, skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà u partenarjat; jenfasizza l-ħtieġa għal inizjattivi reali u ta' appoġġ għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-

informazzjoni u ta' kanali ta' komunikazzjoni ġodda; jitlob għal inizjattivi mfassla biex isir użu adegwat ta' sistemi ta' inġinerija finanzjarja, għall-promozzjoni tal-kummerċ elettroniku u għall-eliminazzjoni tal-ostakli għas-suq intern li fadal; jitlob is-semplifikazzjoni tar-regoli sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-għodod finanzjarji partikolari, speċjalment il-mikrofinanzi, għall-parteċipanti interessati fl-industrija tat-turiżmu, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, dawk li jaħdmu għal rashom u għall-industriji kulturali u ta' kreattività;

14. Iqis il-ħtieġa li tiddaħħal politika Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-turisti u s-sikurezza tagħhom;
15. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi protetta u msaħħa d-diversità tas-servizzi turistiċi li toffri l-Ewropa abbażi tal-kriterji ekonomiċi, soċjali, ambjentali u tal-koeżjoni territorjali;
16. Jenfasizza l-vulnerabilità partikolari tar-reġjuni kostali, insulari, tal-ibgħad reġjuni u tar-reġjuni muntanjużi, li l-ekonomija tagħhom spiss tiddependi mit-turiżmu, għall-effetti ambjentali tat-turiżmu u għall-isfida globali tat-tibdil fil-klima, li wkoll għandhom jitqiesu fil-qafas tat-turiżmu l-ġdid; jenfasizza għalhekk il-ħtieġa għall-investimenti li saru f'dawn ir-reġjuni li jkunu sostenibbli;
17. Iqis il-ħtieġa li l-effetti tat-turiżmu staġjonali jkunu kontrobalanċjati permezz tad-diversifikazzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni tal-offerta turistika anke permezz tal-appoġġ għal forum ġodda ta' turiżmu sostenibbli tul is-sena kollha, tar-rotot turistiċi, tat-turiżmu ekoloġiku u soċjalment responsabbli, b'mod partikolari dak dirett lejn persuni b' mobilità mnaqqa, lil żgħażaġh u anzjani li jiffurmaw suq bi tkabbir potenzjali qawwi; jilqa' r-riżultati pożittivi miksuba mill-azzjoni preparatorja CALYPSO u jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem fuq l-iżvilupp futur tagħha u biex tappoġġja l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu li jippromwovi l-iskambji turistiċi barra l-istaġun bejn l-Istati Membri, għal ċittadini anzjani, żgħażaġh, persuni b'diżabilità u gruppi żvantaġġjati oħra;
18. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan strateġiku biex jinġibdu t-turisti minn pajjiżi emerġenti, speċjalment il-pajjiżi BRIC (il-Brażil, ir-Russja, l-Indja, iċ-Ċina), permezz ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni, inizjattivi ta' promozzjoni turistika u arranġamenti aktar flessibbli dwar il-viża turistika; huwa tal-opinjoni li l-inizjattivi tal-UE ta' promozzjoni turistika għandhom ipenġu l-Ewropa bħala destinazzjoni globali, jikkomplimentaw inizjattivi mill-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali u jevitaw li jiffavorixxu xi destinazzjonijiet Ewropej aktar minn oħrajn;
19. Jilqa' l-ħsieb tal-Kummissjoni tal-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi u ambjentali dwar is-settur turistiku u jħeġġeġ il-ksib ta' livell ta' kompetittività oġhla f'bilanċ ma' ġestjoni responsabbli tar-riżorsi (enerġija, ilma, materja prima, eċċ);
20. Jindika l-importanza li jiġu assicurati l-mobilità u l-konnettività reġjonali, partikolarment fir-reġjuni bl-aktar aċċess fqir, sabiex jiġi assicurati li politiki dwar it-turiżmu ġenwinament jirnexxu fir-reġjuni kollha tal-UE;
21. Jitlob għal insidenza aktar qawwija fuq il-kwalità tal-okkupazzjoni fis-settur turistiku b'enfasi partikolari fuq it-taħriġ b'kontenut teknoloġiku u lingwistiku qawwi, fuq l-

appoġġ għall-SMEs u l-intrapriża, speċjalment fost in-nisa u ż-żgħażaġh, il-mobilità tal-forza tax-xogħol, grazzi għall-programmi Komunitarji differenti u għall-ġlieda kontra x-xogħol illegali u li l-prevenzjoni tal-isfruttament; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-entitajiet reġjonali u lokali jużaw l-istrumenti ta' taħriġ vokazzjonali offruti mill-Fond Soċjali Ewropew u minn strumenti Komunitarji u nazzjonali oħrajn; jenfasizza l-importanza tat-teħid ta' miżuri biex jipprevjenu żbilanċi fis-suq reġjonali tal-impjiegi bħala riżultat tal-attivitajiet turistiċi staġonali;

22. Jenfasizza li s-settur turistiku għandu jagħmel użu aħjar mill-potenzjal sħiħ tal-investimenti transkonfinali f'raggruppamenti kompetittivi kemm fil-fruntieri interni kif ukoll dawk esterni tal-Unjoni Ewropea;
23. Jistieden lill-Istati Membri biex jissimplifikaw ir-regoli u jnaqqsu l-piż amministrattiv sabiex jagħmlu l-aħjar użu tal-istrumenti finanzjarji Ewropej disponibbli għall-perjodu ta' pprogrammar finanzjarju attwali u biex tkun żviluppata l-kompetittività tas-settur u tad-destinazzjonijiet turistiċi; iħeġġeġ li fil-qafas tar-reviżjoni tal-politika ta' koeżjoni u fid-dawl tal-kompetenza tat-Trattat il-ġdid għat-turiżmu, jingħata valur akbar lir-rwol tat-turiżmu bħala fattur ta' ekwilibriju soċjali, ekonomiku u territorjali ġdid; jittama li kull tip ta' finanzjament tal-UE marbut mat-turiżmu jissarraf fl-għoti ta' servizzi kompetittivi, bi standards ta' eċċellenza u ta' kwalità, u f'sostenibilità; jitlob biex il-perspettivi finanzjarji li jmiss u r-regoli tal-Fond Strutturali jinkludu fost il-prijoritajiet tagħhom ir-riabilitazzjoni ta' żoni turistiċi li waqgħu lura, sabiex jiġu ggarantiti l-kompetittività u sostenibilità tagħhom.
24. Iqis li koordinament aħjar bejn il-partijiet kollha interessati, inklużi l-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll aktar komplimentarjetà ta' azzjonijiet u riżorsi finanzjarji pprovduti nill-Fondi Strutturali u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali se jinkoraġġixxi żvilupp aktar integrat u sostenibbli tas-settur tat-turiżmu u se jgħin biex joħroġ il-potenzjal sħiħ tiegħu;
25. Jenfasizza l-importanza ta' infrastrutturi adegwati għas-settur turistiku u għaldaqstant jitlob biex isir progress fl-iżvilupp tan-Netwerks tat-Trasport Trans-Ewropew, speċjalment ir-Rotot tal-Baħar.
26. Jistieden lir-reġjuni b'potenzjal turistiku li għadu mhux żviluppata biex jieħdu nota tal-eżempji ta' prattika tajba rigward it-turiżmu kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE, li wasslu għall-iżvilupp ta' attività turistika sinifikanti matul l-aħħar għaxar snin;
27. Jirrakkomanda l-ħolqien ta' pjattaforma tal-UE onlajn dwar it-turiżmu biex tippromwovi l-potenzjal turistiku lokali u reġjonali b'mod effikaċi kemm jista' jkun;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	28.2.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 32 -: 1 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Charalampos Angourakis, Jean-Paul Basset, Alain Cadec, Salvatore Caronna, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Seán Kelly, Evgeni Kirilov, Constanze Angela Krehl, Ramona Nicole Mănescu, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Michail Tremopoulos, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Karima Delli, Karin Kadenbach, Andrey Kovatchev, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Patrice Tirolien, Derek Vaughan
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Stanimir Ilchev